# <u>Proposti għall-Programmi Elettorali dwar il-Persuni b'Diżabilita</u>

F'dawn l-aħħar snin kien hemm ħafna żviluppi importanti fil-qasam tal-persuni b'diżabilita. Minkejja dan kollu, kulħadd jirrikonoxxi li għad fadal aktar x'isir.

Il-Forum għall-Organizzazzjonijiet li jipprovdu Servizzi Residenzjali lill-Persuni b'Diżabilita twaqqaf biex barra li jikkordina din il-ħidma, jagħti hu wkoll sehmu biex il-persuni b'diżabilita u l-familji tagħhom ikollhom l-aħjar kwalita ta' ħajja possibbli.

L-organizzazzjonijiet li jiffurmaw dan il-Forum huma:
* Dar Pirotta
* Dar tal-Providenza
* Fondazzjoni Arka
* Fondazzjoni Nazarath
* Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care (Dar il-Kaptan)
* Fondazzjoni Wens

Il-Forum bħal ħafna entitajiet oħra jixtieq jagħti sehmu billi jagħmel il-proposti tiegħu lill-Partiti Politiċi biex possibilment jinkluduhom fil-programmi elettorali tagħhom.

Il-proposti tal-Forum jindirizzaw diversi setturi pero s-settur l-aktar importanti u relatata mal-ħidma tal-organizzazzjoni li hemm fil-Forom hu dak relatata mal-mistoqsija ta x'**<u>isir mill-persuni b'diżabilita meta l-familja ma tkunx tista' tibqa' tissapportja lill-persuna b'diżabilita fi ħdanha</u>**

Din hi l-akbar pre-okkupazzjoni ta' numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilita u l-familjari tagħhom. Bħal kull problema komplessa, is-soluzzjonijiet ma jistgħux jkunu sempliċi. Ma teżistiex soluzzjoni waħda tajba għal kull persuna li tiffaċċja din il-problema. Barra minn hekk, aħna konxji li fil-maġġoranza tal-każi l-familja mhux biss hi l-aqwa post għall-persuni b'diżabilita imma l-persuna b'diżabilita u familja tagħha stess iridu li dawn il-persuni jibqgħu jgħixu fi ħdan il-familja tagħhom. Dan jista' jsir biss jekk dawn il-familji jingħataw is-sapport li għandhom bżonn. Sapport bħal dan għalkemm jidher għali fit-tul jispiċċa jkun invesitment għaqli għax ikun qed jkompli jitulizza s-sapport informali u mhux imħallas tal-istess familjari. Il-Forum hu konxju li l-Gvern diġa qed jipprovdi diversi servizzi fil-komunita primarjament permezz tal-Aġenzija SAPPORT.

**Rakkomandazzjoni 1**
**Għaldaqstant l-ewwel rakkomadazzjoni tal-Forum hi li l-Aġenzija SAPPORT tingħata l-fondi kollha neċessarji biex tkompli tiżviluppaw is-servizzi fil-komunita għall-persuni b'diżabilita**.

Servizzi fil-komunita għandhom jinkludu wkoll servizzi ta' respite.

**Rakkomandazzjoni 2**

**It-tieni rakkomandazzjoni tal-Forum hi s-servizzi ta' respite għandhom jkunu kompletament iffinanzjati mill-istat u għandhom jinkludu kemm servizzi għal respite ppjanat kif wkoll dawk għall-emerġenzi.**

Il-Forum iqies ukoll li s-Servizzi ta' Matul il-Jum ipprovduti primarjament mill-Aġenzija SAPPORT bħala essenzjali f'din l-istrateġija.

**Rakkomandazzjoni 3**
**Għalhekk il-Forum jirrakkomanda li l-Aġenżija SAPPORT tingħata l-fondi kollha neċessarji biex tipprovdi Servizzi ta' Matul il-Jum ta' kwalita tajba u li tkopri lill-persuni b'diżabilita kollha li għandhom bżonnhom inkluż persuni li jgħixu f'xi residenza jew istituzzjoni.**

Servizzi fil-komunita għandhom jinkludu wkoll il-possibilita li l-persuna b'diżabilita hi stess tingħata l-fondi neċessarji biex hi tixtri s-servizz ta' sapport li għandha bżonn minn assistenti personali privati.

**Rakkomandazzjoni 4**
**Għaldaqstant il-Forum jirrakkomanda li l-persuni b'diżabilita li hekk jixtiequ, jingħataw il-fondi neċessarji biex huma jixtru s-servizzi ta' sapport li għandhom bżonn minn assistenti personali privati.**

Il-Forum jemmen li se jibqa' l-bżonn li numru ta' persuni b'diżabilita jkollhom il-ħtieġa u x-xewqa li jgħixu fid-djar żgħar fil-komunita. F'pajjiżna diġa jeżistu numru ta' djar bħal dawn uħud immexxija mill-Istat, oħrajn mis-settur volontarju. Uħud minn dawn tal-aħħar huma ffinanzjati mill-istat.

**Rakkomandazzjoni 5**
**Rakkomandazzjoni oħra tal-Forum hi li jinfetħu aktar djar fil-komunita skont il-bżonn kemm mill-Gvern kif ukoll mis-settur volontarja bis-sapport sħiħ tal-istat.**

Il-Forum hu konxju li post il-persuna b'diżabilita mhuwiex f'istituzzjoni kbira kemm jekk tkun immexxija mill-istat kif ukoll mis-settur volontarju. Madankollu istituzzjonijiet eżistenti ma jistgħux jispiċċaw mil-lum għal għada.

**Rakkomandazzjoni 6**
**Għaldaqstant il-Forum jirrakkomanda li jkun hemm programmi u inizjattivi biex fejn hu possibli persuni b'diżabilita li llum jgħixu f'istituzzjoni kbira jibdew bil-mod il-mod jgħixu ħajja aktar qrib il-komunita.**

Pero sakemm jibqgħu jeżistu dawn l-istituzzjonijiet, il-Gvern jibqagħlu l-obbligu li jgħinhom.

**Rakkomandazzjoni 7**
**Il-Forum jirrakkomanda li l-Istat jkompli jgħin b'kull mod possibbli istituzzjonijiet tal-persuni b'diżabilita u jneħħi kull anomalja li jista' jkun hemm kontriehom fosthom l-iskwalifa ta' residenti li jgħixu f'dawn ir-residenzi għal allowance tal-assistenza medika.**

Il-Forum hu konxja li l-penzjoni tal-persuni b'diżabilita hi waħda baxxa ħafna tant li hi biss 58% tal-paga minima nazzjonali. Hu konxja wkoll li l-penzjoni qatt ma għandha tkun ta' disinċentiv biex persuna taħdem.

**Rakkomandazzjoni 8**
**Għaldaqstant il-Forum jirrakkomanda li l-penzjoni tal-persuni b'diżabilita tinqasam fi tnejn waħda baxxa fil-livell preżenti għall-persuni li għandhom diżabilita severa u li bis-sapport jistgħu jaħdmu u oħra ogħla għal persuni li għandhom diżabilita severa ħafna u li diffiċli jaħdmu**

Il-Forum jemmen ukoll li l-impjieg, fejn hu possibli, mhux biss jagħti dinjita lill-persuna imma wkoll jgħin biex il-persuna tilħaq l-ogħla livell ta' għajxien independenti possibbli. Hu konxju wkoll li minħabba riżultati posittivi tas-sistema edukattiva inklussiva, iż-żgħazagħh b'diżabilita, ġustament qed ikollhom asspettativi ferm ogħla minn dawk tal-passat. Pero, il-Forum hu konxju li mhux kull persuna tista' u għandha taħdem f'post tax-xogħol miftuħ u allura anke hawn ma jistax ikollna soluzzjoni waħda għall-persuni b'diżabilita kollha. L-iskemi li hemm mal-Kunsilli Lokali u issa mal-Għaqdiet Mhux Governativi huma żgur passi fid-direzzjoni t-tajba.

**Rakkomandazzjoni 9**
**Il-Forum jirrakomanda li l-ETC issaħħah b'mod qawwi l-inċentivi biex l-employers iħaddmu persuni b'diżabilita li jistgħu jaħdmu f'post tax-xogħol miftuħ u jara li hu stess, fir-role tiegħu ta' employer, ikompli jkun ta' eżempju mill-aqwa.**

**Rakkomandazzjoni 10**
**Il-Forum jirrakkomanda wkoll li l-Gvern għandu jara li persuni b'diżabilita li jistgħu jaħdmu f'post tax-xogħol protett, ikollhom opportunitajiet tax-xogħol adattat għalihom. Dan jista' jsir kemm billi jitwaqqfu ċentri apposta għal dan il-għan kif ukoll billi bi sħab mal-privat ikun hemm ċentri simili fil-postijiet ezistenti ta' xogħol.**

Il-Forum hu sodisfatt ħafna li l-Parlament Malti għadda l-Liġi dwar il-Guardianship li permezz tagħha persuni li għandhom bżonn sapport biex jiddeċiedu għalihom infushom mhux biss ikollhom dan is-sapport imma li san is-servizz ikollu l-protezzjoni legali neċessarji għat-trasperenza u l-akkontabilita.

**Rakkomandazzjoni 11**
**Il-Forum jirrakkomanda li fi żmien raġonevoli jitwaqqfu l-istrutturi kollha neċessarji biex il-Liġi dwar il-Guardianship tibda tiffunzjona.**

Pajjiżna rrattifika l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita tal-Ġnus Maqgħuda. Dan hu pass importanti. Biss hu imporanti wkoll li pajjizna jkollu l-mekkaniżmu biex naraw li s-Soċjeta verament timxi magħha. Il-Gvern diġa indika lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita biex hi tkun dan il-gwardjan.

**Rakkomandazzjoni 12**
**Il-Forum jirrakkomanda li l-Gvern jagħti l-mezzi kollha neċessarji, inkluż dawk finanzjarji biex il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita tkun tista' taqdi**

**d-doveri kollha tagħha inkluż dawk ġodda relatati mal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita.**